Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR SARAH MAGRI) VS RAMON BRIFFA (K.I. 513796M)

(SEWQAN MINGHAJR LIĊENZJA TAS-SEWQAN – KAP. 65 ART. 15(1)(A),(3) – SEWQAN META L-PJANCI MA' JKUNUX CARI –L.S. 368.02 ART. 33)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**22 ta' Settembru 2020**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat l-akkużi maħruġa kontra Ramon Briffa ta' 34, Ruzinjol Triq Il-Warda, Il-Qrendi, bil-karta tal-identità numru 513796M ("l-Imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Avukat Dr. Cinzia Azzopardi Alamango
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Lennox Vella,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-Imputat bis-segwenti akkużi:

    a. Talli nhar is-17/1/2019 għall-ħabta ta' 23:45 fi Triq Dawret il-Gudja, Gudja, bil-vettura RDJ003 HONDA, saq vettura bil-mutur jew vettura oħra, mingħajr liċenzja tas-sewqan (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3)), u

    b. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur meta l-marka ( tar-reġistrazzjoni u l-pjanċa ma kienux ċari u ma kienux jintgħarfu (L.S. 368.02 Art. 33).

2. Il-Prosekuzzjoni talbet illi l-imputat jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tas-sewqan għall-perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

3. Inżammet seduta fil-15 ta' Ottubru 2019.

**Provi Prosekuzzjoni**

***Affidavits ta' PC 104 K Cefai u PC 1405 D Gerada***

4. Skond PC 104 K Cefai u PC 1405 D Gerada fil-lejl ta' bejn is-17 ta' Jannar 2019 u t-18 ta' Jannar 2019 bejn il-ħinijiet ta' 23:00hrs sas-01:00hrs, il-Pulizija mill-Għassa taż-Żejtun bl-assistenza mill-Pulizija tal-Għassa taż-Żurrieq għamlu *roadchecks* ġewwa Triq Dawret il-Gudja, Gudja. Waqt dawn l-ispezzjonijiet ġiet imwaqqfa vettura tal-għamla Honda, bin-numru tar-reġistrazzjoni RDJ003, fejn ġie nnutat li kellha l-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' quddiem mhux imwaħħla, iżda kienet fuq id-*dashboard,* bil-konsegwenza li n-numri tagħha ma' kienux jidhru. Ix-xufier ta' din il-vettura kien l-imputat ċioe Ramon Briffa, detentur tal-karta tal-identità numru 513796M, imwieled nhar id-9 ta' Diċembru 1996, iben Martin u Mary Rose nee' Buhagiar u residenti ġewwa l-fond 34, Ružinjol, Triq Il-Warda, Il-Qrendi QRD 1943. Dan intalab iforni l-liċenzja tas-sewqan tiegħu u rriżulta li din ma' kienetx valida u kienet tagħlaq f'Diċembru 2018. Meta ġie mistoqsi rigward dan, l-imputat stqarr li kien imsiefer u ma' kellux ċans iġeddidha.

***L-Awtorità għat-Trasport f'Malta***

5. Stephen Cachia, Amministratur fid-Direttorat għat-Trasport fuq l-Art fi ħdan l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, xehed illi l-liċenzja tas-sewqan tal-imputat kien skadiet fid-9 ta' Diċembru 2018 u ġiet imġedda fil-11 ta' Frar 2019

**Provi Difiża**

6. L-imputat għażel li ma' jressaqx xhieda, kif kellu kull dritt li jagħmel skond il-liġi.

**L-Artikoli tal-Liġi**

***L-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta)***

7. Rigward l-ewwel akkuża, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku jipprovdi hekk:

'15. (1) Kull min -

(a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenzja tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenzja, jew isuqha b'nuqqas

ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda ma tkun meħtieġa ebda liċenzja dwar *bicycle* ... ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena.'

8. Imbagħad l-Artikolu 15(3) jipprovdi illi:

   '(3) Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b'żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem'

***Regolamenti dwar Ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02)***

9. Riferibilment għat-tieni akkuża l-Artikolu 33 tar-Regolamenti dwar Ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur jipprovdi hekk:

   '33. Il-marka ta' reġistrazzjoni u l-pjanċa ta' vettura bil-mutur ma għandhomx jitgħattew bil-bumpers jew bi bċejjeċ ta' armar ieħor, u għandhom jinżammu nodfa mit-tajn jew mit-trab u għandhom ikunu b'mod li jistgħu jingħarfu sew.'

**Trattazzjoni**

10. Fir-rigward tal-ewwel akkuża d-Difiża saħqet illi l-imputat kellu liċenzja tas-sewqan iżda din kienet skadiet u dan b'differenza milli kieku l-imputat ma' kien qatt kellu liċenzja tas-sewqan. Il-Prosekuzzjoni rribattiet dan l-argument billi kkwotat numru ta' kawżi li fosthom il-kawża fl-ismijiet *Pulizija vs Joseph Ciscaldi (3/2006 JGD)* mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Marzu 2006.

11. F'din il-kawża l-Qorti tal-Appell kienet ikkwotat kawża oħra deċiża mill-istess Qorti diversement presjeduta cioe' is-sentenza fl-ismijiet *Pulizija vs Paul Zammit (AE)* mogħtija fil-25 ta' Awwissu 1995 meta l-Qorti kienet qalet hekk:

    *"... hu evidenti li meta persuna ma ġġeddidx il-liċenzja tas-sewqan, hi ma tistax issuq vettura bil-mutur f' xi waħda mill-kategoriji li għaliha tirreferi dik il-liċenzja u, jekk tagħmel hekk, tkun passibbli taht l-artikolu 15 (1)(a). Fi kliem ieħor, jekk persuna li għandha liċenzja tas-sewqan ma ssegwix il-proċedura indikata fir-Regolament 53 (2) tat-Motor Vehicle Regulations (jiġifieri li tinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorità' dwar it-Trasport Pubbliku, qabel l-iskadenza tal-liċenzja, li mhix bi ħsiebha ssuq vettura bil-mutur u tikkonsenja l-istess liċenzja lill-imsemmi Kummissarju jew Awtorità') dik il-persuna tista' tiġi imħarrka talli naqset li ġġedded il-liċenzja tas-sewqan. Jekk però' , oltre li naqset li ġġedded il-liċenzja, dik il-persuna ssuq ukoll meta*

*dik il-liċenzja ma tkunx għadha ġiet imġedda allura titqies, għal-finijiet tal-art. 15(1) (a) li saqet karozza mingħajr liċenzja tas-sewqan."*

**Kunsiderazzjoni dwar ħtija**

12. Il-Qorti m'għandiex wisq xi żżid ma dan l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali ħlief li għal kull bwon fini tissottolineja illi f'din il-kawża l-imputat mhuwiex qiegħed jiġi akkużat biss illi ma' kellux liċenzja valida tas-sewqan (xi ħaġa li altrimenti kienet tkun punibbli bħala reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 55(1) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta) iżda inoltre, u b'mod iżjed serju, illi huwa kien qiegħed **isuq** fil-mument li ma' kellux liċenzja hekk valida. Għalhekk l-ewwel akkuża tirriżulta ben pruvata.

13. Fir-rigward tat-tieni akkuża l-fatt illi l-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' quddiem kienet fuq id-dashboard b'dan illi skond il-Pulizija "*in-numri tagħha ma' kienux jidhru"* hija prova sodisfaċenti ukoll dwar il-ħtija tal-imputat.

**Kunsiderazzjoni dwar il-piena applikabbli**

14. Fir-rigward tal-ewwel akkuża il-piena applikabbli hija dik tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena. Imbagħad b'żieda mal-piena, il-leġislatur jagħmilha tassattiva fuq il-Qorti illi tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem. Inoltre skond l-Artikolu 36B(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Ligijiet ta' Malta 'għal kull kontravvenzjoni, għandhom jiġu imposti mill-Qorti tal-Maġistrati jew mill-Kummissarji tal-Ġustizzja, skont kif ikun il-każ, punti ta' penali kif indikat fis-Sitt Skeda, u dawn għandhom jiġu mniżżla f 'database komputerizzata li għandha titwaqqaf għal dan il-għan mill-Awtorità'. Skond is-Sitt Skeda, għan-nuqqas ta' tiġdid ta' liċenzja tat-triq il-punti penali huma bejn tlieta u sitta.

15. Fir-rigward tat-tieni akkuża l-piena skond l-Art. 44(7)(g) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 hija dik ta' multa ta' bejn €25 u €60.

16. Il-Qorti fil-piena li ser tagħti ser tieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat huwa *a first time offender* iżda ser tieħu ukoll kont tar-raġuni kemmxejn redikola li ta l-imputat lill-Pulizija għan-nuqqas tat-tiġdid tal-liċenzja u ċioe dik illi huwa kien imsiefer u li ma' kellux ċans iġeddidha!

**Deċiżjoni**

17. **Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ssib l-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontrih taħt (i) Kap 65 Artiklu 15 (1) (a) u (ii) L.S. 368.02 Art. 33 u:**
    a. **Tikkundannah iħallas multa ta' mija u ħamsin euro (€150)**
    b. **Tiskwalifikah milli jżomm il-liċenzja tas-sewqan għal żmien tmient ijiem u tordnalu sabiex immedjatament jgħaddi l-istess liċenzja lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.**
    c. **Timponi penali ta' tlett (3) punti fuq il-liċenzja tas-sewqan tal-imputat.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur